MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru 648/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**CLIFFORD SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Cliffos Sciberras ta' 23 sena bin Joseph u Carmela nee' Spiteri imwieled Pieta' fl-10 ta' Frar 1981, residenti fil-fond numru 8, Ritienne, Triq dun Gwann Barbara, Tarxien, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 111481 (M);

Talli fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Marzu, 2002, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom accessorji ta’ vetturi u flus kontanti li l-valur taghhom jaccedi s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000.00), mil-fond Mazaka Motorcycle Service sitwat fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000.00) u bil-hin u li sar ghad-dannu ta’ Anthony Grech;

U aktar talli f’Had Dingli, fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Dicembru, 2002, ikkommetta serq ta’ *top-up vouchers* u *starter packs*, flimkien ma’ xi affarijiet ohra mill-hanut MSDI, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1000.00) u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta’ Mario D’Anastasi;

U aktar talli f’Malta, f’Jannar 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa b’qerq jew akkwista b’reat, sew jekk sar f’Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur.

Wara illi rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat;

U wara li rat il-verbal tas-Seduta tal-20 ta’ Jannar, 2005, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi Clifford Sciberras hati u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sean mil-lum, a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------